ĦARĠA NUMRU 11 - SAJF 2017

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI









# LESTI BIEX INKOMPLU NAĦSDU L-FROTT

Insellmilkom! Matul dawn l-aħħar erba' snin kont onorat illi nitkellem magħkom permezz ta' din il-pubblikazzjoni. "Nisġet Artna" hija ħolqa li żżommna magħqudin flimkien bħala familja waħda. Ħdimna, stinkajna u għamilna l-aħjar tagħna sabiex flimkien mal-membri tas-Segretarjat inwasslu l-ħsieb illi l-biedja, is-sajd u d-drittijiet tal-annimali huma xi ħaġa li qatt ma nistgħu nieqfu naħdmu fiha.

Naħsdu l-frott, għaliex ippjanajna. Rajna li ngħaqqdu t-tliet setturi flimkien, għax l-ebda wieħed ma jgħaddi mingħajr l-ieħor. Ma kienx kollox ward u żahar; kien hemm mumenti fejn l-elementi naturali xejn ma kienu ħanina mal-familji Maltin u Għawdxin minħabba n-nixfa jew xi maltempata mhix mistennija barra minn żmienha, imma bil-għaqal tagħna lkoll, ta' kull min huwa involut f'dawn is-setturi rnexxielna nirbħu wkoll dawn l-isfidi sabiex il-familji Maltin u Għawdxin ukoll setgħu jkomplu jgawdu minn prodotti tajbin fuq il-mejda tal-ikel tagħhom.

Naħsdu l-frott, għax investejna, ħeġġiġna sabiex naħdmu man-natura u mhux kontriha. Ħeġġiġna favur il-biedja organika, bnejna pontijiet għas-sajjieda u xtrajna ambulanzi ġodda għas-salvataġġ tal-annimali. Kif ukoll investejna fi proġett ta' infrastruttura fil-pitkalija.

Naħsdu l-frott, għax waqqafna għall-ewwel darba l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali sabiex ninvestigaw il-każijiet u nedukaw iktar flimkien mad-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali biex nieħdu ħsieb aktar lil dawn il-ħlejjaq illi tant inħobbu. Xtaqna għamilna iktar, speċjalment f'dan is-settur. Irranġajna l-liġi u b'hekk saret isservi ta' detterrent biex min ikollu f'moħħu li jaħqar lill-annimali jaħsibha iktar minn darbtejn.

Naħsdu l-frott, għax ninsabu lesti biex inkomplu nservu. Għamilna l-almu tagħna. Fadlilna bosta proġetti biex dawn is-setturi jissoktaw fil-mixja 'l quddiem għall-ġid tal-poplu u wkoll għall-ġid tal-annimali u n-natura ta' pajjiżna.

Grazzi mill-qalb tal-għajnuna tagħkom. Ninsab kommess illi l-gvern ser jkompli jservikom fix-xhur u s-snin illi ġejjin.

Inselli Għalikom,

Roderick Galdes.

*Is-Segretarju Parlamentari*
*għall-Biedja, Sajd*
*u Drittijiet tal-Annimali*





# KENN GĦAŻ-ŻWIEMEL F'DIVERSI LOKALITAJIET

Bil-għan illi anke ż-żwiemel jgħixu aħjar meta ma jkunux qegħdin jiġru fit-toroq joffru s-servizz tagħhom, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali ġab il-permessi sabiex jinbnew tined temporanji sabiex taħthom iż-żwiemel ikunu jistgħu jistkennu mis-sħana tax-xemx qawwija tas-sajf u minn xi tixriba fl-istaġun xitwi.

B'kollox inbnew tmintax-il xelter f'inħawi differenti ta' pajjiżna. Biex dan il-proġett kien suċċess kienet meħtieġa l-għajnuna ta' diversi persuni u entitajiet. Għalhekk, saru bosta diskussjonijiet bejn id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, il-Kuċċiera, *Transport Malta*, il-Koalizzjoni tad-Drittijiet tal-Annimali, is-Sovrintendenza tal-Istorja u l-Kultura, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent, id-Direttorat għall-Ippjanar, il-Ministeru tat-Turiżmu u l-Kunsilli Lokali rispettivi.

## B'KUXJENZA FAVUR IŻ-ŻWIEMEL ILLI JOFFRU SERVIZZ

B'hekk, iż-żwiemel qed ikollhom iktar fejn jistkennu flimkien mas-sidien tagħhom, u dan kollu juri l-kuxjenza kbira favur l-annimali. Ta' min iħeġġeġ lis-sidien kollha sabiex jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet, u lill-pubbliku inġenerali sabiex meta jaraw xi sidien illi xorta waħda jħallu liż-żwiemel tagħhom barra minn dawn il-faċilitajiet wiqfin għal ħin twil, preferibbilment jieħdu ritratt bħala prova u jirraportaw anke b'mod kunfidenzjali fuq in-numru 1717.








# AKTAR BAJJIET *ANIMAL FRIENDLY* U DOG PARK IEĦOR

**Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes ħabbar ħames żoni tal-għawm għall-klieb. F'dawn iż-żoni, is-sidien tal-klieb jistgħu jieħdu l-klieb tagħhom għall-għawm.**

Dawn iż-żoni huma parti mill-impenn tal-Gvern fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali. B'hekk, is-sidien tal-klieb ikunu jistgħu jgawdu l-baħar flimkien mal-klieb tagħhom matul ix-xhur sħan tas-sajf.

Mhux biss fil-baħar, imma ħsibna wkoll sabiex matul is-sena kollha is-sidien tal-klieb ikollhom postijiet fejn jieħdu lill-annimal maħbub tagħhom u jqattgħu siegħa żmien flimkien. Minbarra l-park tal-klieb li kien hemm f'Ta' Qali u l-ieħor f'Wied il-Għajn, f'Ta' Qali ġie inawgurat park ieħor iktar modern u ħa post għalqa tal-Gvern illi kienet żdingata. Dan il-post jinsab fit-triq lejn l-*istadium* nazzjonali tal-futbol.

F'Malta, għalhekk, issa hawn tliet żoni apposta fejn wieħed jista' jieħu lill-klieb u jħallihom għal riħhom jiġru u jilagħbu.

AKTAR ĦIN TA' KWALITÀ TAL-ANNIMALI MAS-SIDIEN

## BIEX LIL DAWK ILLI NĦOBBU JKOLLHOM ID-DINJITÀ WARA MEWTHOM


Pjanta taċ-Ċimiterju

### JITLESTEW IL-PJANIJIET GĦALL-EWWEL ĊIMITERJU TAL-ANNIMALI

Matul ix-xhur illi għaddew tlestew il-pjanijiet sabiex f'pajjiżna jkollna wkoll ċimiterju tal-annimali. F'dan il-post huwa ppjanat illi jkun hemm numru ta' oqbra li s-sidien tal-annimali jistgħu jsiru propjetarji tagħhom biex wara li l-annimal tagħhom jiġi nieqes, jindifen b'dinjità u s-sid ikun jista' jżuru fil-ħin tal-ftuħ. Huwa maħsub illi dan il-post joffri wkoll sistema ta' inċineratur fejn qabel jindifen jew jittieħed lura mis-sid, l-annimal jinħaraq u jingħata lis-sid f'urna sabiex jiddisponi minnu hu.





# KAĊĊA SOSTENIBBLI F'PAJJIŻ B'SAĦĦTU

**F'PAJJIŻ ILLI HUWA MIMLI TRADIZZJONIJIET IRRIDU NARAW ILLI DAWN IKUNU MĦARSA U FL-ISTESS WAQT NOĦOLQU BILANĊ BEJN MIN JOGĦĠBUH U MIN IDEJQUH. MATUL DAWN L-ERBA' SNIN RAJNA LI JINTLAĦAQ DAN IL-BILANĊ U JONQOS L-ABBUŻ FUQ DAN ID-DELIZZJU ANTIK.**

Bil-għan illi ngħinu lill-kaċċaturi u lin-nassaba jwettqu d-delizzju tagħhom u jkunu konxji mir-responsabbiltajiet tagħhom ftaħna l-*Wild Birds Regulation Unit*, uffiċċju apposta f'Malta u ieħor f'Għawdex. Irnexxielna nagħlqu kull każ pendenti ta' proċeduri legali fuq id-derogi ta' April, u awtorizzajna li l-kaċċa f'April tkompli fil-Ħdud u l-festi wkoll. Dwar il-kaċċa fil-Ħarifa tneħħa l-*curfew* u saret tiftaħ awtomatikament minħabba li ġiet imdaħħla fil-Liġi Maltija.

"Naqqasna l-burokrazija li kien hemm f'dan is-settur. Fil-fatt tneħħa l-ħlas ta' 50 ewro għal-liċenzja speċjali f'April, ġew immodernizzati s-sistemi ta' liċenzjar, u r-rapporti saru johorġu fil-ħin. Barra minn hekk, iddaħħlu multi amministrattivi sabiex il-kaċċatur jevita li jrid joqgħod jitla' l-Qorti," saħaq is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes.

Barra minn hekk, matul dawn l-aħħar snin saret ħidma sabiex l-eżamijiet tal-liċenzji ġew immodernizzati u min japplika jistenna sa madwar tliet xhur biss sabiex ikun jista' jagħmlu. "Ridna ndawru u nbiddlu r-reputazzjoni ta' pajjiżna fil-qasam internazzjonali u rnexxielna. Dan minħabba li sar infurzar ekwu biex jitnaqqsu l-illegalitajiet filwaqt illi tajna drittijiet legali lill-Falkunerija," temm jgħid is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

## BILANĊ ANKE FL-INSIB

Malli l-poplu Malti u Għawdxi tana l-fiduċja li nirrappreżentawh mill-Gvern, mill-ewwel inbeda x-xogħol sabiex nindirizzaw l-obbligi ta' rapporti li riedu jintbagħtu fl-UE. Fl-istess ħin beda x-xogħol fuq l-ewwel deroga li bilfors ridna ninnegozjaw mal-Kummissjoni Ewropea. Għamilna studji xjentifiċi, legali u tekniċi kumplessi ħafna. Permezz ta' negozjati mal-Unjoni Ewropea rnexxilna niftħu deroga għal tliet snin konsekuttivi.

Ftaħna l-liċenzji ġodda għan-nassaba kollha, liċenzji li kienu ilhom friżati ħdax-il sena. Ftaħna wkoll ir-reġistrazzjoni tal-imnasab; biċċa xogħol iebsa u serja minħabba d-Direttiva tal-Ambjent li bil-liġi u b'obbligu internazzjonali, kull pajjiż irid josserva.

Ħriġna liċenzji ġenerali ġodda li jservu għal ħames snin u tneħħiet it-tariffa ta' 13.95 ewro, tariffa li kienet titħallas mal-pulizija għall-użu tax-xbiek. "Issa kulma għandhom iħallsu n-nassaba hija l-Liċenzja Speċjali għad-deroga u s-sħubija mal-għaqda. Qed inkunu f'kuntatt kontinwu mal-Għaqdiet tagħkom u biħsiebna nibqgħu naħdmu f'dan ir-rigward", għalaq l-intervent tiegħu l-Onorevoli Roderick Galdes.

# BIEX L-ANNIMALI TAGĦNA JGĦIXU AĦJAR

## SPTAR ĠDID STATE OF THE ART

L-imħabba ta' bosta nies lejn l-annimali wasslitna sabiex naħsbu biex l-annimali, kemm domestiċi, jiġifieri dawk illi nżommu bħala pets kif ukoll annimali ta' barra – imsejħa strays ikollhom post fejn jingħataw kura tal-aqwa kwalità. B'hekk, l-Isptar San Franġisk wassalna sabiex ikollna l-ewwel sptar veterinarju f'Malta u Għawdex.

L-Isptar ġie mgħammar b'apparat ġdid u tqassam f'sezzjonijiet varji sabiex ikun hemm aktar indafa u fil-waqt illi parti minnu tkun qed tintuża, f'parti oħra jkun jista' jsir ix-xogħol mingħajr problemi. Il-kobor tal-isptar, illi huwa miftuħ 24 siegħa kuljum, Ħdud u Festi inklużi, jippermetti li l-annimali privati ma jitħalltux ma' annimali tat-triq, u b'hekk jista' jkun ikkontrollat iktar it-tixrid tal-mard u l-infezzjonijiet.

L-isptar jippermetti wkoll operazzjonijiet u kura fit-tul lill-annimali, joffri servizzi mingħajr ħlas lid-Dipartiment tal-*Animal Welfare* u skont ta' 25% lill-entitajiet mhux governattivi. Barra minn hekk, f'dan il-lok qed jingħata tagħlim lill-istudenti tal-MCAST illi jkunu qegħdin jingħataw taħriġ neċessarju bl-aħjar teknoloġija f'dan is-settur.













## KAMPANJI TA' TISWIJA FUQ ANNIMALI TAT-TRIQ U

# PIENI AKBAR GĦAL MIN JABBANDUNA JEW JAĦQAR LILL-ANNIMALI

Matul l-aħħar erba' snin kienu organizzati diversi kampanji ta' tiswija fuq annimali li jkunu jiġru mat-toroq. Din il-kampanja saret sabiex tiġi dejjem aktar ikkontrollata l-popolazzjoni ta' annimali abbandunati fit-toroq. Għall-ewwel darba, saret kampanja anke f'Għawdex.

Meta wieħed jieħu t-totali tal-kampanja li saret fi żminijiet differenti matul dawn l-erba' snin, in-numru ta' annimali abbandunati msewwija jitilgħu għal 2,850. Dan sar mingħajr ebda spiża għall-Gvern, grazzi għall-kollaborazzjoni mal-ETN. Barra minn hekk, il-persuni li minn qalbhom jieħdu ħsieb lil dawn l-annimali tat-triq ma ħallsu l-ebda spejjeż sabiex saret l-operazzjoni fuq kull annimal.

B'kollox kien hemm ħames kampanji, u s-Segretarjat qiegħed jaħdem sabiex

### BIEX INQAS ANNIMALI JIĠRU FIT-TOROQ

issir is-sitt kampanja. Minbarra dawn in-*neutering campaigns*, is-Segretarjat għaddej b'kampanja ta' għarfien u inizjattivi edukattivi sabiex jonqos in-numru ta' dawk li għal xi raġuni jew oħra jabbandunaw lill-annimali domestiċi.

### GĦAJNUNA LIL DAWK ILLI JIEĦDU ĦSIEBHOM FIT-TOROQ

Barra minn hekk, saret liġi ġdida għall-Ħarsien tal-Annimali li wasslet sabiex jiħraxu l-pieni għal min irid jibqa' jwebbes rasu u jabbanduna annimal. Illum, f'pajjiżna, min jinstab ħati quddiem il-Qorti li ħaqar jew abbanduna annimal, jista' jeħel piena ta' ħabs sa tliet snin u multa li tista' tilħaq it-80,000 ewro.

Inħeġġu għalhekk lil kull persuna f'Malta u Għawdex sabiex tagħmel il-parti tagħha, u meta tara xi każ suspettuż tikkuntattja bid-dettalji kollha tal-post fejn seħħ il-każ. Kull każ ikun trattat b'kunfidenzjalità.





# DOGS DIE IN HOT CARS

Għalkemm inħobbu ferm lill-annimali tagħna, tant illi nieħdu gost noħorġuhom magħna, mhux l-ewwel darba li forsi ħallejniehom imsakkrin għal ftit tal-ħin fil-karozza sakemm nagħmlu xi qadja ċkejkna. Tajjeb illi nżommu f'moħħna illi t-temperatura f'karozza magħluqa hija għolja ħafna, u għalhekk, ftit minuti jistgħu jkunu vitali għal dak l-annimali partikolari bħalma jistgħu jkunu vitali għal kull bniedem.




Il-kampanja kienet imsejsa fuq il-klieb minħabba li bosta persuni joħorġu bil-klieb tagħhom, madankollu tajjeb niġbdu l-attenzjoni li kull annimal ma għandu qatt jitħalla msakkar f'karozza lanqas għal ftit tal-ħin.

Il-kampanja – imnedija mis-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes– hija ispirata mill-fatt illi d-Dipartiment tal-*Animal Welfare* jintalab jassisti lil xi annimal imsakkar f'karozza fuq medja ta' bejn 15 u 25 każ fis-sena.

Inħeġġu lil kulħadd sabiex meta jara xi annimal imsakkar f'karozza, iċċempel, anke b'mod kunfidenzjali fuq in-numru 1717 u lill-Pulizija, fuq in-numru 112. Importanti ferm illi jgħaddi d-dettalji kollha tal-post fejn jinsab l-annimal.






### AMBULANZI ĠODDA GĦALL-GĦAJNUNA FIL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI

Bil-għan illi jitjieb il-proċess tas-salvataġġ u l-ħarsien tal-annimali nxtraw żewġ ambulanzi ġodda mgħammra bl-aħħar teknoloġija sabiex fihom ikunu trasportati l-annimali feruti jew abbandunati sal-isptar tal-annimali f'Ta' Qali. L-ambulanzi l-ġodda mhux biss kienu avvanz għaliex tgħamru kif xieraq sabiex jiffaċilitaw il-ħajja tal-annimali, imma ħadu post dawk illi kienu jinkrew mis-settur privat ħalli b'hekk naqsu l-ispejjeż marbutin mal-kiri tal-vetturi.

"B'servizz ta' 24 siegħa kuljum, dawk l-ambulanzi qegħdin isalvaw medja ta' 5,000 annimal fis-sena" saħaq l-Onorevoli Galdes.

Fost it-tagħmir fl-ambulanzi, hemm spazju apposta f'kull vettura fejn l-annimal, waqt it-trasport ikun imħares taħt sigurtà, mingħajr ma jtellef lis-sewwieqa u f'arja kkundizzjonata. Huma mgħammra wkoll b'sistema ta' navigazzjoni *GPS* u *GPS Tracking System* sabiex ikunu żgurati s-serjetà u s-sigurtà.





GĦAJNUNA XIERQA LIL DAWK ILLI JIDDEDIKAW IL-ĦIN MAL-ANNIMALI FIS-SANTWARJI

# FONDI MQASSMA GĦALL-BENEFIĊĊJU TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI

Waħda mill-miżuri importanti fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali kienet il-wegħda li nistabbilixxu fond illi permezz tiegħu ngħinu lill-għaqdiet volontarji u NGOs li jaħdmu bla waqfien biex iħarsu d-drittijiet tal-annimali. Din il-miżura ntlaqgħet tajjeb ħafna minn dawn l-għaqdiet għax se tkun qed tkun ta' soljiev lil dawn l-għaqdiet illi qegħdin jgħinu biex l-annimali f'pajjiżna jkunu miżmuma aħjar.

Matul dawn l-aħħar tliet snin, fl- 2015 tajna 40,000 ewro, fis-sena 2016 qassamna 50,000 ewro u din is-sena 60,000 ewro. Iż-żieda fit-tqassim b'10,000 ewro fis-sena turi l-impenn illi lkoll qegħdin nuru sabiex ngħinu lil dawk l-għaqdiet illi joffru s-servizz b'mod professjonali. Permezz ta' dawn l-għotjiet, dawn l-għaqdiet jistgħu jinvestu f'servizz dejjem aħjar lill-annimali li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb. B'hekk inserrħu aktar rasna li mill-ħarsien tal-annimali u nkomplu nwettqu l-missjoni li ningħaqdu lkoll flimkien favur il-kura u r-rijabilitazzjoni tal-annimali f'pajjiżna.

## INVESTIMENT GĦAQLI FAVUR L-ANNIMALI TAT-TRIQ












# INNEGOZJATI 138 MILJUN F'GĦAJNUNIET LIL BDIEWA

## LILL-BDIEWA U LIR-RAĦĦALA F'PAGAMENTI DIRETTI

Il-bdiewa u r-raħħala Maltin se jibbenefikaw minn ħames miljun ewro kull sena f'fondi Ewropej. Dawn għall-perodju ta' bejn l-2014 u l-2020 u se jingħataw f'pagamenti diretti.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal illi ġew magħżula dawk l-iskemi li kienu jgħoddu għas-sitwazzjoni lokali u dawk illi jindirizzaw uħud mill-problemi li tiffaċċja l-agrikoltura f'Malta.

Roderick Galdes irrimarka li l-appoġġ akkoppjat ta' natura volontarja ġie meqjus bħala l-unika soluzzjoni għal Malta biex tgħin setturi speċifiċi li qed jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali. Għalhekk ġie allokat il-limitu massimu ta' tliet miljun ewro, u l-għajnuna se tingħata lis-setturi tal-ħalib, taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tat-tadam.

### 900,000 EWRO F'GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦALL-BDIEWA

Matul is-sena 2016 Malta għaddiet minn nixfa mhux tas-soltu. Fil-fatt, il-Gvern ħass illi kellu jikkumpensa għal din in-nixfa naturali li kienet ilha ma tolqot lil pajjiżna 93 sena! Għalhekk, il-Gvern applika mal-Unjoni Ewropea sabiex minn fondi nazzjonali jkun jista' jagħti għajnuna mill-istat li tammonta għal total ta' 900,000 ewro lil madwar 5,000 bidwi. Dan se jingħata lill-bdiewa bħala estensjoni għall-intitolar tal-art, illi se jfissrilhom żieda ta' kważi 40%. Dan il-kumpens se jservi ta' għajnuna għall bdiewa Maltin u Għawdxin.

**GĦAJNUNA LILL-BDIEWA MINĦABBA N-NIXFA TAL-ELEMENTI NATURALI**










# L-EWWEL RIFORMA F'40 SENA FIL-PITKALIJA

Iċ-ċentru tal-Pitkalija li jinsab f'Ta' Qali huwa l-post fejn il-frott u ħaxix imkabbra lokalment huma depożitati mill-bdiewa tagħna sabiex eventwalment jaslu għand il-konsumatur.

Mal-bidla tal-amministrazzjoni fl-2013 ġejna ffaċċjati b'sitwazzjoni ta' telqa kbira fil-Pitkalija. Kien għalhekk li nħass il-bżonn illi nirriformaw u nirristrutturaw iċ-ċentru tal-Pitkalija.

L-aktar tliet inizjattivi importanti li seħħew f'dawn l-aħħar snin kienu:

- il-Garanzija Bankarja li ħabbarna fil-bidu tas-sena 2015 biex b'hekk il-bidwi jserraħ rasu li jiġri x'jiġri huwa ser jitħallas tal-prodott tiegħu;
- iż-żieda ta' kaxxi tal-pitkala skont il-ħtieġa speċjalment fis-sajf meta l-frott tas-sajf jiżdied;
- tlesta x-xogħol fuq l-infrastruttura tal-Pitkalija: it-toroq interni tal-Pitkalija kienu ddeterjoraw serjament anke minħabba l-fatt illi għal kważi 40 sena qatt ma sar xi tip ta' investiment.

Dan kien qed joħloq inkonvenjent għall-bdiewa u ħsarat fuq il-prodotti li jidħlu f'dan iċ-ċentru.

Il-Gvern huwa kommess illi jkompli jissalvagwardja l-interessi tal-bdiewa filwaqt illi jkompli bit-titjib u l-immodernizzar tal-Pitkalija kif meħtieġ biex il-Pitkalija tkun aktar aċċessibbli għal kulħadd.

Barra mix-xogħlijiet fuq it-toroq taċ-ċentru tal-Pitkalija ser inkomplu xogħlijiet oħra fuq it-tined, illi jikkonsistu fil-bdil tas-saqaf eżistenti b'saqaf ġdid li se jkun magħmul minn materjal ħafif. Dan se jtejjeb il-kundizzjonijiet klimatiċi tat-tined peress illi se jinbidlu wkoll is-sistemi tad-dawl u l-ilma.

**INVESTIMENT TA' KWAŻI 600,000 EWRO FIL-PITKALIJA**









# INVESTIMENT QAWWI FIL-BIĊĊERIJA

Matul dawn l-aħħar erba' snin sar ukoll aġġornament fuq il-bini tal-biċċerija pubblika li tmur lura sal-1897. Kien ilu jinħass il-bżonn sabiex dan il-bini jgħaddi minn proċess ta' aġġornament estensiv.

Minn bini kkundannat, illum, il-biċċerija pubblika saret ta' eżempju mhux biss ta' indafa u bini aktar modern, imma fuq kollox ta' iġjene u prattiċi tajba għal-laħam lokali. Dan seta' jsir permezz ta' investiment qawwi ta' madwar ħames miljun ewro fl-aħħar erba' snin.

Fost il-ħidma li saret inbidlet kompletament is-sistema ta' drenaġġ, inbnew u ġew mgħammra l-faċilitajiet għall-impjegati, investiment biex l-ilma tax-xita jinġabar, u xogħol ta' tiswija u manutenzjoni tal-linji tal-qatla. Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes ħabbar illi dan il-proċess ma jistax jieqaf, u għalhekk huwa ppjanat li makkinarju ġdid jieħu post dak illi ilu jintuża għal diversi snin.

Sar ukoll xogħol ieħor fuq diversi partijiet esterni tal-biċċerija biex il-madwar jissebbaħ u jiġi jilqa' lil min iżur dan il-post. Għalhekk it-toroq interni tal-biċċerija tqassmu aħjar u saret faċilità ġdida għall-ħasil tat-trakkijiet li jinġarru l-bhejjem fuqhom.

## IS-SAĦĦA U L-IĠJENE TAL-PUBBLIKU MOGĦTIJA L-AKBAR ATTENZJONI





# DAR MODERNA GĦAS-SAJJIEDA

Fost il-bosta proġetti li saru nħass il-bżonn illi jsir investiment sabiex tinbena pixkerija ġdida li tieħu post dik antika tal-Belt li tmur lura sas-snin Tletin tas-Seklu Għoxrin. Dan l-investiment mistenni sewa madwar erba' miljun ewro.

Il-Pixkerija qed titħaddem fuq l-ogħla standards Ewropej b'sistema ġdida tal-informatika li se tħaffef u żżid l-effiċjenza tal-proċess. Minn sistema antikwata li tmur lura sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945), sar aġġonrament sabiex din issir aktar moderna u kompjuterizzata, kif jitolbu l-ħtiġijiet tal-lum.

Din is-sistema l-ġdida sserraħ ras is-sajjied bi ħlas fil-pront, filwaqt illi toffri lil min huwa involut fil-bejgħ tal-ħut faċilitajiet moderni b'sistema kompjuterizzata li taqta' kull abbuż.

Din il-bidla kienet kruċjali sabiex Malta tkun konformi u ma taqax lura mar-regolamenti Ewropej. Dan wassal ukoll sabiex tkompli tikber il-fidjuċa tal-konsumatur fil-prodotti tas-sajjieda għaliex ikunu qed isegwu l-ogħla standards ta' kwalità, ta' indafa u iġjene sanitarja fil-ħut li jiġi rkantat.

**INVESTIMENT TA' ERBA' MILJUN EWRO GĦALL-PIXKERIJA ĠDIDA**









# QABŻA TA' KWALITÀ ANKE FIS-SETTUR TAS-SAJD

Matul l-aħħar Leġislatura sar investiment ukoll fis-settur tas-sajd permezz ta' seba' proġetti ta' infrastruttura b'investiment ta' 5.5 miljun ewro biex minnu jgawdu s-sajjieda kollha u l-pubbliku inġenerali li jkun moqdi aħjar.




Tlestew iż-żona tal-ħatt f'Marsaxlokk u fl-Imġarr Għawdex, il-pont tal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar, l-iskallijiet ta' Marsaxlokk, ta' Wied il-Għajn u tax-Xemxija, u sit ta' żbark tal-ħut fil-Marsa.

Kien ilu jinħass il-bżonn illi wasal iż-żmien sabiex jitranġaw xi mollijiet. Biex nieħdu eżempju, il-moll tal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar tħalla jitmermer wara snin twal ta' telqa u abbandun. Iż-żona ta' ħatt f'Xatt is-Sajjieda f'Marsaxlokk ukoll se tgħin lis-sajjieda sabiex permezz tagħha jinħatt il-ħut mill-bastimenti reġistrati fil-Ponta tal-Qrejten.



Is-sit ta' żbark tal-ħut fil-Marsa se jkun utli ferm minħabba li fih is-sajjieda jħottu l-ħut tagħhom qabel ma jittieħed fil-pixkerija l-ġdida. "Huwa biss b'ekonomija b'saħħitha li nistgħu ngħollu l-livell f'dawk l-aspetti li jolqtuna fil-ħajja ta' kuljum b'infrastruttura ġdida li tassisti aktar lis-sajjieda f'xogħolhom u tgħinhom jagħmlu l-qabża ta' kwalità" saħaq Roderick Galdes.

## INVESTIMENT SABIEX IL-PUBBLIKU JIEKOL AKTAR ĦUT FRISK







# ĠNIEN IL-PJANTI MALTIN

Ġnien il-Pjanti Maltin u l-proġett ta' studju u konservazzjoni ta' varjetajiet tal-pjanti lokali, huwa proġett li se jgħin biex għadd ta' pjanti jinġabru f'post partikolari u wkoll isir studju xjentifiku dwarhom. Dan il-ġnien jinkorpora wkoll fih ċentru tal-viżitaturi u laboratorju ġdid għall-ittestjar taż-żrieragħ fiċ-Ċentru tal-Bijoteknoloġija tal-Pjanti, f'Ħ'Attard. Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes spjega kif il-proġett jiffoka fuq għadd ta' razez u dawk li jissejħu "qraba naturali", kemm ta' pjanti kkultivati kif ukoll ta' speċi selvaġġi indiġeni li jinsabu mhedda u f'riskju li jintilfu.

Parti oħra importanti minn dan il-proġett huwa l-bini u t-tagħmir ta' laboratorju taż-żerriegħa sabiex jittestja l-purità tagħha. Dawn il-laboratorji jgħinu biex jiġu individwati mard u kundizzjonijiet illi jagħmlu ħsara lill-pjanti lokali.

Dan il-proġett jinkorpora wkoll ċentru tal-viżitaturi fi ħdan l-istess ġnien, diversi faċiltajiet edukattivi fosthom kamra tal-medja mgħammra bl-aħħar teknoloġija u sala tal-konferenzi. B'dawn il-faċilitajiet, il-proġett se jattira diversi żjarat ta' studenti ta' kull età u b'hekk inkomplu nkattru aktar l-għarfien fuq il-pjanti Maltin.

## INVESTIMENT GĦALL-ISTUDJU BOTANIKU TA' DIVERSI STUDENTI









Parti oħra importanti minn dan il-proġett huwa l-bini u t-tagħmir ta' laboratorju taż-żerriegħa sabiex jittestja l-purità tagħha. Dawn il-laboratorji jgħinu biex jiġu individwati mard u kundizzjonijiet illi jagħmlu ħsara lill-pjanti lokali.







SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI